**QORI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis, 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 21**
**Rikors Nru. 63/2020 JZM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Registratur tas-Socjetajiet**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fid-<u>19 ta` Ottubru 2020</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi, s-socjeta` A.N.S. Company Limited hija debitrici tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. in forza ta` kuntratt ta` Loan, datat 18 ta` April 2012, in atti Nutar Dottor Carmel Gafa, hawn anness u mmarkat dokument "Dok. C".*

*2. Illi dan id-debitu huwa kononizzat permezz ta` ittra ufficjali datata 27 ta` Marzu 2015 – numru 70/2015 – Dok " D" hawn anness - is-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` A.N.S. Company Limited sabiex thallas lill-esponenti s-somma ta` dsatax-il elf, hames mija u disgha u hamsin ewro u erbgha u tletin centezmu (€19,559.34), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta A.N.S. Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta` Marzu 2015 sal-jum tal-pagament effettiv, liema ittra ufficjali giet reza ezekuttiva fis-sitta (6) ta` Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ai termini tal-Artikoli mija u sitta u sittin ittri `A` u `B` (166A u 166B) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Proceduri Civili, Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Illi, illum l-esponenti hija kreditrici tas-socjeta` A.N.S. Company Limited, socjeta` inkorporata mar-Registratur intimat bin-numru progressiv C 47256, fis-somma ta` sitta u ghoxrin elf, mija u wiehed u hamsin ewro u ghoxrin centezmu (€26,151.20), bilanc ghad-debitu fil-"Business Loan Accounts" tas-socjeta` A.N.S. Company Limited mas-socjeta Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imghax legali mill-14 ta` Awwissu 2020, sal-jum tal-pagament effettiv, kif ahjar jirrizulta mill-prospetti hawn annessi u mmarkati dokument "Dok. A1 sa A3" u "Dok. B1 sa B3".*

*4. Illi, l-isem tas-socjeta` A.N.S. Company Limited gie imhassar minn fuq ir-registru ai termini tas-subinciz 2 tal-Artikolu 325 tal-Att tal-1995, dwar il-kumpaniji, Kap.386 tal-Ligiijiet, b`effett mis-7 ta` Lulju 2020 kif ahjar jirrizulta mill-avviz mahrug mill-intimat Registratur tal-Kumpaniji, li kopja tieghu qed tigi hawn ezebita u mmarkata dokument "Dok. E".*

*5. Illi, s-socjeta` esponenti, bhala kreditrici tal-imsemmija kumpanija, umilment tissottometti li ghandha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija A.N.S. Company Limited gie mhassar minn fuq ir-registru bis-sahha tal-imsemmi sub artikolu 2 tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet, u ghalhekk l-esponenti umilment tghid illi huwa xieraq illi l-isem tal-kumpanija jerga` jidhol fir-registru, sabiex l-esponenti tkun tista` tezercita d-drittijiet illi ghandha kontra l-istess socjeta` A.N.S. Company Limited.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li Din l-Onorabbli Qorti Joghogbha ai termini tal-Artikolu 325 (4) tal-att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta):-*

*(i) Tordna li l-isem tas-socjeta` A.N.S. Company Limited bin-numru tar-registrazzjoni C 47256 li gie mhassar minn fuq ir-registru b`effett mis-7 ta` Lulju 2020, jerga` jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet mizmum mill-intimat ai termini tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*(ii) Tordna li r-Registratur tal-Qrati jikkonsenja lir-Registratur intimat ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-Ordni Moghtija fuq it-talba precedenti.*

*(iii) Taghti dawk id-direzzjoni u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni biex is-socjeta` A.N.S. Company Limited u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin daqs li kieku l-isem tal-kumpanija A.N.S. Company Limited qatt ma gie mhassar minn fuq ir-Registru.*

*(iv) Tordna lir-Registratur tas-Socjetajiet intimat jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-website mizmuma mill-istess registratur intimat u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta.*

*(v) Tordna lir-Registratur tas-Socjetajiet intimat idahhal l-isem tal-kumpanija fir-registru minnu mizmum skont il-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li kienet prezentata fl-24 ta` Novembru 2020 li taqra hekk :-

*Illi l-kumpanija A.N.S. Co. Ltd. (C 47256) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpaniji ("Registru"), fid-9 ta` Lulju tas-sena 2009.*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpannija naqset mill-obbligi taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji.*

*Illi tali nuqqas kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent Registratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kinetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji.*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur proceda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-ufficjal taghha sabiex javza illi l-isem tal-kumpanija kien ser jigi mhassar minn fuq ir-Registru kemm-il darba ma tintweriex raguni sabiex dan ma jsehhx.*

*Illi r-Registratur baghat l-ewwel avviz permezz ta` ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bhala Dok. `A`, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha mahruga mir-Registratur) fuq l-indirizz registrat taghha kif ukoll lill-uniku direttur, l-indirizz tat-tnejn li huwa 138, `Whoopie`, Triq San Albert, Gzira datati, 21 ta` Frar 2020.*

*Illi t-tieni avviz gie mibghut permezz ta` ittra ohra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizz fis-7 ta` April 2020.*

*Illi f`dawn l-ittri l- kumpanija giet infurmata illi ladarba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi taghha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f`kaz li ma twegibx l-ewwel ittra fi zmien xahar u t-tieni ittra fi zmien tliet xhur,  ir-Registratur kien se jkompli bil-process ta` thassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-7 ta` April 2020, inharget pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wiehed fost ohrajn illi kien ser jigi mnehhi minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji fi zmien tliet xhur, ladarba ma jkunx hemm oggezzjoni ghal dan.*

*Illi l-Bank of Valletta p.l.c. qatt ma oggezzjona ghal tali process matul il-perjodu ta` tliet xhur provdut mir-Registratur ghal-gid ta` kull min seta` qatt kellu interess jaghmel dan.*

*Illi fil-frattemp, ir-Registratur qatt ma rcieva l-ebda tip ta` risposta jew dokumenti pendenti minghand il-kumpanija u ghaldaqstant fis-7 ta` Lulju 2020, li jahbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent hareg avviz fuq website mizmuma minnu fejn gie avzat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien gie mhassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi r-rikors qieghed isir fiz-zmien il-hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir u ghalhekk ghadu fiz-zmien stipulat mil-ligi.*

*Illi fil-kaz odjern, ir-rikkorent qieghed jibbaza t-talba tieghu sabiex l-isem tal-kumpanija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru bhala kreditur ai termini tas-subartikolu 4  tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-ahhar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista` jinghata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun thassar minn fuq ir-Registru, ir-responsabbilita` tal-kumpanija u kull ufficjal u membru taghha ghandha tkompli u tista` tigi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt thassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi r-Registratur japprezza illi meta f`kaz bhal dan, ikun kreditur illi jkun qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerga` jitpogga lura fuq ir-Registru, dina l-Onorabbli Qorti m` ghandha l-ebda kontroll fuq l-agir tal-kumpanija. Dan ghaliex l-isem tal-kumpanija jkun qieghed jerga` jitpogga fuq ir-Registru semplicement ghall-beneficcju tal-kreditur. Ir-Registratur jixtieq umilment jissolleva, illi f`hafna kazijiet bhal dan tal-lum, il-kreditur jaghzel li jaghmel rikors il-Qorti sabiex jerga` jitqieghed lura fuq ir-Registru l-isem tal-kumpannija anke jekk ikun jaf li l-kumpannija ma jkollha ebda assi.*

*Illi filwaqt illi r-Registratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terga` titpogga fuq ir-Registru, tali kumpanija ghandha taggorna d-dokumentazzjoni mehtiega (inkluz il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jigi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni.*

*Illi r-Registratur huwa kreditur ta` din il-kumpanija huwa stess u ghaldaqstant huwa ghandu jigi mhallas il-penali dovuti fuq nuqqas ta` registrazzjoni ta` prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw ghal EUR 8,559.50.*

*Illi di piu`, il-pagament dovut fuq registrazzjonijiet ta` prospetti annwali li baqghu pendenti jammontaw ghal EUR 1,400.*

*Illi ghaldaqstant ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi qieghed ihalli f`idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidhol lura fuq ir-Registru. Ir-Registratur m` ghandux oggezzjoni ghal dan u ghalhekk lest li joqghod ghal kull direzzjoni u provvediment li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrent ikun fil-pozizzjoni illi jezercita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu bhala kreditur tal-kumpannija msemmija. Filwaqt illi r-Registratur ma jispiccax b`kumpaniji li m`humiex in regola mal-Att fuq ir-Registru ghal zmien indefinit.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda kif ukoll id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Semghet id-deposizzjoni ta` George Cassar White fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2021.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>L-Art. 325 tal-Kap. 386</u>

Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija A.N.S. Company Limited abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli. Il-bank rikorrent qieghed jitlob li dak l-isem jerga` jitqieghed fuq ir-registru abbazi tas-subartikolu erbgha (4). Huwa ben evidenti illi s-subartikoli tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum. Unikament ghall-fini ta` kompletezza, il-qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha abbazi tal-provi akkwiziti.

Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f `Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data tal-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja tal-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija*

*jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali tal-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## III. <u>Risultanzi</u>

Tghid mill-ewwel illi konsegwenza tal-imgieba tal-kumpannija A.N.S. Company Limited u tad-diretturi taghha (kif imfisser ahjar fir-risposta), l-intimat kellu raguni bizzejjed biex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru skont is-subartikolu (1) tal-Art 325.

Tghid illi hija sodisfatta li l-intimat segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325. Ghax il-kumpannija baqghet inadempjenti, skatta t-thassir tal-isem mir-registru skont l-istess subartikolu (2) tal-Art 325.

Tghid illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art 325, trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti legali taghha f`dawk it-tliet xhur, li jridu jissodisfaw lill-intimat illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ma jipprocedix bit-thassir.  Jekk dawk il-persuni jew ma jihdux azzjoni inkella ma jissodisfawx lill-intimat fit-terminu, id-dekorrenza ta` dak l-istess terminu johloq stat kontra l-kumpannija u l-isem jithassar *ipso jure*.

Fl-istess waqt, tghid ukoll illi t-thassir tal-isem skont is-subartikolu (2) tal-Art 325 mhuwiex mahsub sabiex jolqot il-persuni li huma indikati fis-subartikolu (4) tal-Art 325.

Ghalhekk membru <u>**jew**</u> kreditur tal-kumpannija <u>**jew**</u> xi persuna ohra li jkollha interess ma ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tas-subartikolu (2) tal-Art 325.  Kwindi d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 ma johloqx stat kontra taghhom.

Dment illi <u>**dawk**</u> il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art 325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru.

Is-subartikoli (2) u (4) tal-Art 325 huma <u>distinti</u> ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.

Fuq il-pjan fattwali, il-bank rikorrent mhux jikkontesta l-korrettezza tal-agir tal-intimat.

Fix-xiehda tieghu George Cassar White mill-bank rikorrent mhux biss sostna l-fondatezza tar-ragunijiet tal-bank ghaliex istitwixxa l-procediment odjern, izda bil-konferma  tieghu tal-kontenut tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet paragrafi tar-rikors promotur, u tad-dokumenti li jsostnu l-azzjoni, jirrizulta li l-bank rikorrent mhux biss huwa kreditur, u allura anke persuna nteressata, li tistitwixxi l-azzjoni odjerna, izda huwa wkoll kreditur b`ipoteki favur tieghu registrati kontra l-kumpannija debitrici.

B`hekk bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru l-bank rikorrent certament ikun jista` jipprocedi bl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li diga` ghandu kontra l-kumpannija debitrici fuq proprjeta` ipotekata favur il-bank. Li allura jfisser li t-tqeghid mill-gdid tal-kumpannija debitrici fuq ir-registru jissarraf f`att ta` gustizzja sostantiva.

Id-dekorrenza tat-terminu skont is-subartikolu (2) tal-Art 325 ma jikkostitwix pregudizzjali kontra l-bank sabiex iressaq it-talba skont is-subartikolu (4) tal-Art 325.

Meqjus b`reqqa is-subartikolu (4) fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-qorti tikkonferma fl-ewwel lok illi l-bank rikorrent jikkwalifika biex iressaq l-istanza tal-lum, fit-tieni lok illi l-bank rikorrent agixxa *entro* l-hames (5) snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir, u fit-tielet lok hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

Fl-istess waqt, ghaliex tifhem id-dmirijiet u l-esigenzi tal-intimat, il-qorti qeghda tipprovdi li l-isem tal-kumpannija A.N.S. Company Limited ghandu jerga` jidhol fir-registru ghal perijodu ta` zmien li ma ghandux jaqbez it-tliet (3) snin b`effett miz-zmien li se jissemma aktar `il quddiem.

B`dan il-mod, il-bank rikorrent ikollu zmien bizzejjed biex jirkupra l-kreditu tieghu li huwa garantit bl-ipoteki.

Il-qorti trid tassikura ruhha li l-bank rikorrent jagixxi fil-pront in tutela tal-interessi tieghu ghaliex ma ghandha l-ebda kontroll li bil-fatt li l-isem tal-kumpannija debitrici jerga` jidhol fir-registru din tal-ahhar sejra tottempera ruhha mal-obbligi taghha skont il-Kap 386.

Huwa dmir ewlieni tal-qorti li fl-applikazzjoni tal-ligi tfittex sabiex issib bilanc gust.

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti, bl-applikazzjoni tal-Art 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tipprovdi hekk :-**

**1. Tiddikjara li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija A.N.S. Company Limited (C47256) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija A.N.S. Company Limited (C47256) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u jdum hekk registrat ghal zmien tliet (3) snin b`effett mid-data illi fiha r-Registratur tal-Kumpanniji jaghmel ir-registrazzjoni skont kif sejjer jinghad.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat (7) ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta` dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien sebat (7) ijiem mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qorti jikkonsenja lilu kopja ufficjali ta` dan l-ordni, jirregistra l-kumpannija A.N.S. Company Limited (C47256) fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-kumpannija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien sebat (7) ijiem mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija A.N.S. Company Limited (C47256) fir-Registru tal-Kumpanniji, ighaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija A.N.S. Company Limited (C47256) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**6. Tordna lill-bank rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluzi dawk tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**